Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/2089(INI)

3.3.2026

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta’ promozzjoni agroalimentari tal-UE wara r-riforma tal-2014
(2025/2089(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Salvatore De Meo

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' promozzjoni agroalimentari tal-UE wara r-riforma tal-2014

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008,

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Diċembru 2025 bit-titolu "Evaluation of EU agri-food promotion policy: Insights and lessons learnt – European Implementation Assessment" (Evalwazzjoni tal-politika ta' promozzjoni agroalimentari tal-UE: għarfien u tagħlimiet meħuda – Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea),

– wara li kkunsidra t-tħabbira tal-Kummissjoni Ewropea b'rabta mal-kampanja favur ix-xiri ta' ikel Ewropew (kampanja"Buy European Food") f'Settembru 2025,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" (COM(2021)0044),

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Awwissu 2022 bit-titolu "Farm certification schemes for sustainable agriculture – State of play and overview in the EU and in key global producing countries, concepts and methods" (Skemi ta' ċertifikazzjoni agrikola għall-agrikoltura sostenibbli – is-sitwazzjoni attwali u ħarsa ġenerali fl-UE u fil-pajjiżi produtturi globali ewlenin – kunċetti u metodi),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi (COM(2021)0049),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013,

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politika ta' promozzjoni agrikola tal-UE fis-swieq interni u tal-pajjiżi terzi (SWD(2020)0399),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea, ta' Deloitte, IPSOS u Tetratech International Development ta' Lulju 2020 bit-titolu "Evaluation support study of the EU agricultural promotion policy, internal and third country markets" (Studju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni tal-politika ta' promozzjoni agrikola tal-UE, is-swieq interni u tal-pajjiżi terzi), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012,

– wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1831 tas-7 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2025 dwar il-finanzjament tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2026 (Commission implementing decision of 15.12.2025 on the financing of information and promotion measures concerning agricultural products implemented in the internal market and in third countries and the adoption of the work programme for 2026),

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2024 dwar il-finanzjament ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2025 (Commission implementing decision of 12.12.2024 on the financing of information provision and promotion measures concerning agricultural products implemented in the internal market and in third countries and the adoption of the work programme for 2025),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel – Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri" (COM(2025)0075),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0000/2026),

A. billi l-politika ta’ promozzjoni mmobilizzat baġit ta’ EUR 132 miljun għall-2025, imqassam bejn programmi sempliċi u multipli, u hija għodda essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-ktajjen tal-provvista Ewropej fis-swieq interni u internazzjonali, b’mod partikolari billi tappoġġja azzjonijiet kollettivi;

B. billi l-programmi multipli, iffinanzjati b’madwar EUR 40 miljun fl-2025, jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ sħubijiet bejn il-benefiċjarji tal-programm u b’hekk isaħħu l-integrazzjoni tas-suq intern;

C. billi bejn l-2016 u l-2024, id-domanda għal finanzjament għall-programmi ta’ promozzjoni, b’mod partikolari f’pajjiżi terzi, qabżet regolarment l-allokazzjoni, u s-sehem allokat għall-programmi multipli naqas bejn l-2021 u l-2024, u dan jissottolinja żbilanċ strutturali bejn il-ħtiġijiet u r-riżorsi disponibbli;

D. billi, għal ċerti inizjattivi, bħall-promozzjoni ta’ prodotti organiċi u sostenibbli fil-pajjiżi terzi, ir-riżorsi spiss ma jintużawx biżżejjed, filwaqt li għal prodotti oħra hemm eċċess kbir ta’ domanda, u dan għaldaqstant juri l-ħtieġa ta’ allinjament aħjar mar-realtà attwali tas-suq;

E. billi tliet kwarti tal-kampjun użat fl-istudju huma intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju jew organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, u dawn l-atturi jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u kapaċità ta’ investiment limitata, u għalhekk huwa meħtieġ li jissaħħaħ l-aċċess ġust, simplifikat u proporzjonat għall-mekkaniżmi ta’ promozzjoni;

F. billi mill-2021 ’l hawn, proporzjon tal-finanzjamenti ġie allokat għal kategoriji bħas-“sostenibbiltà” u l-“ikel san”, u dan favorixxa l-valorizzazzjoni ekonomika tal-produzzjonijiet Ewropej;

G. billi aktar minn nofs il-benefiċjarji li pparteċipaw fl-istudju tal-EPRS huma tal-fehma li s-slogan “Enjoy, it’s from Europe” ikkontribwixxa b’mod sinifikanti għat-titjib tar-rikonoxximent tal-prodotti, b’mod partikolari fil-pajjiżi terzi, fejn il-livelli ta’ għarfien dwar il-marki Ewropej u l-marki tal-oriġini għadhom aktar baxxi milli fit-territorji tal-Unjoni;

H. billi s-swieq agrikoli, b’mod partikolari fil-pajjiżi terzi, huma esposti għal ċaqliq ekonomiku u ġeopolitiku rapidu, u l-programmi sempliċi ġestiti fil-livell nazzjonali spiss ikollhom kapaċità ta’ adattament aktar limitata mill-programmi multipli, u b’hekk ikun neċessarju li jissaħħu l-mekkaniżmi ta’ flessibbiltà u ta’ baġit iffukat mill-ġdid;

I. billi l-proċeduri amministrattivi kumplessi huma ostakli sinifikanti għal parti mdaqqsa tal-operaturi, b’mod partikolari dawk li jinsabu fiż-żoni rurali, li jeħtieġu aktar simplifikazzjoni biex jiżguraw l-effikaċja tal-finanzjamenti pubbliċi;

J. billi għall-operaturi li jinsabu fiż-żoni rurali muntanjużi jew żvantaġġati, il-programmi ta’ promozzjoni huma għodda importanti biex jinżammu l-impjiegi, l-attività ekonomika u l-koeżjoni territorjali;

Rakkomandazzjonijiet

Finanzjament

1. Jissottolinja l-importanza tal-programmi multipli li jippermettu l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u għalhekk għandhom jirċievu allokazzjoni finanzjarja akbar;

2. Jinnota l-ħtieġa li l-finanzjamenti jsiru trasferibbli bejn il-programmi u s-setturi sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-operaturi mingħajr ma tiġi mminata l-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-qafas finanzjarju;

3. Jissottolinja l-importanza tal-politika ta' promozzjoni biex jingħataw appoġġ l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jridu jiffaċċjaw kostijiet tal-produzzjoni għoljin u kapaċità ta' investiment imnaqqsa;

4. Jinnota li l-politiki ta' promozzjoni għandhom ikunu aċċessibbli għall-produtturi agrikoli kollha, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex jiġi evitat li dawn jiġu skoraġġuti mill-kumplessità tal-proċeduri burokratiċi u amministrattivi;

5. Jissottolinja l-ħtieġa li jkomplu jiġu allokati riżorsi speċifiċi biex jakkumpanjaw l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti koperti mill-programmi ta' promozzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-pajjiżi terzi, peress li dan ikun jiżgura viżibbiltà u kompetittività akbar tas-settur agrikolu;

6. Jissottolinja l-ħtieġa li jinżammu l-għodod ta' promozzjoni moderni bbażati fuq analiżi tad-domanda tal-konsumaturi u li jiġu appoġġjati kampanji ta' komunikazzjoni mmirati li jistgħu jagħtu valur miżjud għall-prodotti tal-ikel tal-UE;

Rabta mal-inizjattivi Ewropej l-oħra

7. Jinnota li l-politiki dwar il-promozzjoni jirrispondu għall-għanijiet tal-kampanja "Buy European Food", u jagħtu appoġġ lill-produtturi u lill-ekonomija Ewropea;

8. Jinnota li l-politiki ta' promozzjoni jikkontribwixxu għall-objettivi ta' inizjattivi Ewropej oħra proposti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħxejjex;

9. Jenfasizza li, fl-istess ħin, il-politika ta' promozzjoni ma għandhiex tkun subordinata għal politiki oħra tal-UE; jopponi l-introduzzjoni ta' kriterji ġodda ta' eliġibbiltà biex jinkiseb aċċess għal tali finanzjamenti u restrizzjonijiet possibbli fuq il-promozzjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti jew kategoriji ta' prodotti inklużi fir-regolament;

Ġestjoni tal-miżuri

10. Jilqa' s-slogan "Enjoy, it's from Europe", li għen biex jiżdied ir-rikonoxxibbiltà tal-prodotti Ewropej imqiegħda fis-suq fil-pajjiżi terzi;

11. Jittama li s-slogan "Enjoy, it's from Europe" u l-marki tal-oriġini jkunu jistgħu jintużaw flimkien biex tiżdied ir-rikonoxxibbiltà tal-prodotti tal-ikel Ewropej;

12. Jinnota li l-programmi sempliċi, ġestiti fil-livell ta' kull Stat Membru, jirriżultaw anqas flessibbli f'każ ta' bidla mill-programmi multipli ġestiti mill-Kummissjoni, u għalhekk huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-Istati Membri juru aktar flessibbiltà meta jaċċettaw

talbiet biex il-programm jiġi adattat għall-bidliet fis-suq;

13. Jirrakkomanda li tiġi żgurata aktar flessibilità fil-ġestjoni tal-programmi (multipli u sempliċi) jekk dawn għandhom jiġu orjentati mill-ġdid, ladarba jkunu bdew, lejn swieq oħra għajr dawk previsti inizjalment;

14. Jissottolinja l-importanza li r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq numru aktar limitat ta' swieq fil-mira, sabiex jiġi evitat li l-isforzi promozzjonali jiġu mferrxa b'mod eċċessiv u jiżdied l-impatt tal-kampanji ffinanzjati;

15. Jinnota li huwa neċessarju li l-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma annwali jiġu adattati aħjar għad-domanda reali tas-suq sabiex jiġi evitat użu insuffiċjenti tal-baġits f'ċerti setturi, bħal dak tal-prodotti organiċi;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-rata fissa għall-kostijiet amministrattivi hijiex biżżejjed biex iġġorr il-piż finanzjarju għall-ġestjoni tal-programm;

Valutazzjoni, effikaċja u kwalità tal-programmi

17. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu armonizzati l-indikaturi tal-impatt tal-programmi ta' promozzjoni sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati u tiġi permessa valutazzjoni aktar preċiża tal-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE;

18. Jitlob li jitfasslu linji gwida komuni għar-rapporti ta' valutazzjoni tal-programmi sabiex tiġi żgurata kwalità aħjar tad-data miġbura u użu aktar effikaċi tar-riżultati fid-definizzjoni tal-prijoritajiet futuri;

Żvilupp ekonomiku fit-territorji marġinali

19. Jinnota li l-politiki ta' promozzjoni jistgħu jappoġġjaw lill-produtturi fit-territorji rurali, jinċentivaw lill-ekonomija u lill-iżvilupp lokali ta' territorji marġinali u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għalhekk huwa utli li jiġu mħeġġa programmi minn dawn it-territorji;

°

° °

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-politika ta' promozzjoni u jifformula rakkomandazzjonijiet ta' politika mmirati biex tittejjeb l-iskema ta' sostenn għall-politika ta' promozzjoni u l-aċċess għall-finanzjamenti min-naħa tal-operaturi, kif ukoll biex tiġi appoġġjata l-kompetittività tas-settur agroalimentari.

Riżultati ewlenin

1. Il-kompetittività tas-settur agroalimentari (b'enfasi fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju)

It-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur agroalimentari Ewropew jirrikjedi appoġġ akbar għall-bdiewa żgħar u ta' daqs medju, li jiffurmaw il-bażi tal-produzzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni rurali. Dan ma għandux jiġi interpretat li jeskludi l-appoġġ għall-intrapriżi l-kbar, li jaqdu rwol fundamentali fil-promozzjoni tal-prodotti Ewropej, iżda pjuttost bħala enfasi partikolari fuq azjendi agrikoli żgħar li jiffaċċjaw kostijiet tal-produzzjoni għoljin, kapaċità ta' investiment baxxa u kompetizzjoni internazzjonali qawwija. Sabiex titjieb il-pożizzjoni tagħhom fis-swieq, huwa essenzjali li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-għodod ta' promozzjoni. L-appoġġ għall-modernizzazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-kwalità (indikazzjonijiet ġeografiċi, marki, produzzjonijiet sostenibbli, eċċ.) jista' jagħmel lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju aktar attraenti. Bl-istess mod, huwa essenzjali li jkollhom appoġġ fl-esportazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni biex jingħataw aktar viżibbiltà. Iż-żieda fil-kompetittività tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, fl-aħħar mill-aħħar, tfisser it-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur agroalimentari kollu tal-Unjoni Ewropea.

2. Flessibbiltà tal-politika

Waħda mil-limiti ewlenin tal-politika ta' promozzjoni – kif enfasizzat fl-istudju "Evaluation of EU agri-food promotion policy: Insights and lessons learnt" (Evalwazzjoni tal-politika ta' promozzjoni agroalimentari tal-UE: għarfien u tagħlimiet meħuda) mill-EPRS, ippubblikat f'Diċembru 2025 – huwa n-nuqqas ta' flessibbiltà ta' din l-għodda. Tabilħaqq, ġiet issottolinjata d-diffikultà li programm jiġi emendat u orjentat mill-ġdid ladarba jkun beda, pereżempju fil-każ ta' problemi ta' taqlib fis-suq. Għalhekk għandha tittieħed azzjoni biex tiġi żgurata aktar flessibbiltà għall-parteċipanti tal-programm, li tippermettilhom ibiddlu d-destinazzjoni jew il-kategorija tal-prodotti tagħhom f'każ ta' ħtieġa marbuta, pereżempju, mal-instabbiltà ġeopolitika. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tikkunsidra proċeduri biex tissimplifika l-implimentazzjoni ta' din il-politika, inkluż għall-Istati Membri li għandhom rwol vitali fil-ġestjoni ta' programmi sempliċi.

3. Rabta mal-istrateġiji Ewropej l-oħra

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", segwita mill-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer li ġie ppreżentat fi Frar 2021. Dawn iż-żewġ proposti għandhom l-għan li jiżviluppaw produzzjoni agrikola aktar sostenibbli u jippromwovu ikel san, iżda jistgħu jinvolvu l-esklużjoni ta' ċerti prodotti agroalimentari kkunsidrati potenzjalment riskjużi għas-saħħa, bħal-laħam aħmar u l-inbid.

Madankollu, l-istudju wera li l-politika ta' promozzjoni tappoġġja l-objettivi tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari f'setturi bħal dawk tal-frott u l-ħxejjex u, għalhekk, hija konformi mal-istrateġiji ppreżentati mill-Kummissjoni.

Ir-rapporteur jirrikonoxxi l-importanza ta' dawn l-istrateġiji, iżda jfakkar fil-kontenut tal-kampanja "Buy European Food" imnedija mill-President von der Leyen fi tmiem l-2025. Barra minn hekk, ir-rapporteur jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-prodotti Ewropej kollha jkollhom l-istess opportunitajiet ta' parteċipazzjoni u finanzjament fil-programmi ta' promozzjoni, filwaqt li tiġi evitata l-esklużjoni jew saħansitra d-demonizzazzjoni ta' xi prodotti.

4. Appoġġ għall-komunikazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agroalimentari

It-tisħiħ tal-komunikazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agroalimentari Ewropej huwa lieva essenzjali biex jiżdiedu l-viżibbiltà u l-kompetittività tagħhom, b'mod partikolari fis-swieq internazzjonali. Għalhekk huwa neċessarju li nkomplu ninvestu f'azzjonijiet ta' komunikazzjoni mmirati, adattati għall-ispeċifiċitajiet tas-swieq tal-pajjiżi terzi, u li niżviluppaw għodod ta' promozzjoni moderni bbażati fuq analiżi tad-domanda tal-konsumaturi. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom jibbenefikaw minn appoġġ speċifiku biex jottimizzaw l-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom u jaċċedu għal networks ta' distribuzzjoni usa'. Barra minn hekk, valorizzazzjoni aħjar tal-kwalità Ewropea (sostenibbiltà, traċċabbiltà, indikazzjonijiet ġeografiċi, eċċ.) ittejjeb l-impatt tal-kampanji ta' promozzjoni, filwaqt li appoġġ akbar għall-kummerċjalizzazzjoni jkun iżid il-preżenza tal-prodotti Ewropej fis-swieq internazzjonali u joħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju.

5. Programmi ta' promozzjoni u baġit assoċjat

L-istudju tal-EPRS analizza żewġ tipi ta' programmi ta' promozzjoni: programmi multipli u programmi sempliċi, b'attenzjoni partikolari fuq dawk relatati mas-settur organiku. Għall-programmi multipli li jinvolvu mill-anqas żewġ organizzazzjonijiet minn Stati Membri differenti jew organizzazzjonijiet fil-livell Ewropew, l-istudju wera tnaqqis fil-fondi allokati mill-2021 sal-2024 meta mqabbel ma' żieda relattiva għas-snin 2025 u 2026. Dan it-tip ta' programmi huwa partikolarment apprezzat mill-operaturi fis-settur agroalimentari, li jqisuh opportunità biex jaħdmu flimkien mal-partijiet ikkonċernati minn Stati Membri oħra u jiżviluppaw proġetti konġunti mmirati lejn l-UE jew l-pajjiżi terzi. Il-programmi multipli huma apprezzati ħafna anki għal aspett ieħor tagħhom, jiġifieri li l-ġestjoni tagħhom issir fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA), li toffri risposti ċari u flessibbli f'każ ta' bidliet fil-programm mill-benefiċjarji. Fl-apprezzament tax-xejra pożittiva fl-allokazzjoni finanzjarja għal dawn il-programmi matul dawn l-aħħar sentejn, jitqies neċessarju li jintalab li dan l-appoġġ miżjud jinżamm, b'mod partikolari għaliex jirrappreżenta opportunità importanti biex jinfetħu opportunitajiet ġodda tas-suq jew jissaħħu dawk eżistenti, mingħajr ma tiġi mminata l-allokazzjoni għall-programmi sempliċi. Fil-każ ta' dawn tal-aħħar, it-talba tista' titressaq minn organizzazzjoni waħda jew aktar mill-istess pajjiż tal-UE biex tikkummerċjalizza fl-UE jew fil-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-allokazzjoni finanzjarja tagħhom irriżultat stabbli fil-perjodu bejn l-2021 u l-2024, li żdiedet fis-sentejn ta' wara. Madankollu, limitu ssottolinjat mill-istudju tal-EPRS huwa li dawn il-programmi, ġestiti fil-livell ta' Stat Membru individwali, juru livell aktar baxx ta' flessibbiltà fir-risposta għal talbiet possibbli għal bidliet mill-benefiċjarji. Għalhekk, ikun tajjeb li l-Istati Membri jiżguraw li l-programm ikun jista' jiġi adatt aktar għall-bidliet fis-suq. Fl-aħħar nett, l-istudju tal-EPRS

jirreferi għall-fatt li l-allokazzjoni finanzjarja għas-settur organiku fl-ambitu tal-programmi multipli u sempliċi hija ogħla mit-talbiet li saru mill-operaturi. Għalhekk, ikun mixtieq li jkun hemm aktar flessibbiltà fit-trasferiment ta' dawn il-fondi bejn il-varji setturi u programmi biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-applikanti.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ ir-rakkomandazzjonijiet politiċi li ġejjin:

- jiġu żviluppati proċeduri aktar sempliċi u aċċessibbli għall-benefiċjarji, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, biex jiġi żgurat aċċess ġust u proporzjonat għall-finanzjamenti pubbliċi, jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi u tittejjeb l-effiċjenza tal-programmi;

- jiġu introdotti mekkaniżmi ta' adattament u jiġu orjentati mill-ġdid biex jippermettu reazzjonijiet rapidi għall-bidliet finanzjarji, għall-bidliet tal-prodotti jew fis-swieq tad-destinazzjoni, speċjalment fil-pajjiżi terzi, fejn il-kundizzjonijiet ekonomiċi u ġeopolitiċi jistgħu jkunu partikolarment volatili;

- tiġi mmonitorjata l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn programmi sempliċi u multipli, u jiġi żgurat bilanċ strutturali bejn il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji u d-disponibbiltajiet finanzjarji, sabiex jiġu appoġġjati kemm il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

- jiġi allokat sehem akbar mill-baġit annwali għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' promozzjoni, sabiex tittejjeb il-viżibbiltà u l-kompetittività tal-prodotti agroalimentari Ewropej fis-swieq interni u barranin u tiġi inkoraġġuta l-internazzjonalizzazzjoni;

- jiġi previst li l-logo tal-UE jkun akkumpanjat mill-marka tal-pajjiż produttur fuq l-imballaġġ maħsub għas-swieq barranin, biex tiżdied ir-riconoxxibbiltà tal-prodotti u tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-marki Ewropej fil-pajjiżi terzi;

- jitkomplew jiġu appoġġjati l-programmi ta' promozzjoni li jsostnu l-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp rurali, li jistgħu jappoġġjaw l-impjiegi u l-attività ekonomika fiż-żoni rurali, muntanjużi u żvantaġġati.